MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2009

Rikors Numru. 1006/2008

Fl-Atti tal-Mandat ta’ Sekwestru Eżekuttiv numru 1256/2008 fl-ismijiet:

Avukat David **BORĠ**

vs

Julian **BORĠ**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-3 ta’ Ottubru, 2008, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, r-rikorrenr eżekutat Julian Borġ talab li din il-Qorti tħassar, suġġett għal kwalunkwe kundizzjoni li jidhrilha xierqa, l-Mandat ta’ Sekwestru

Eżekuttiv maħruġ kontrih fil-11 ta’ Awissu, 2008, fuq talba tal-intimat eżekutant l-Avukat David Borġ;

Rat li għalkemm l-istess intimat eżekutant kien notifikat bir-rikors għall-finijiet tal-artikolu 187 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, ma ressaq l-ebda Tweġiba għat-talba, u lanqas deher quddiemha wara dik in-notifika;

Rat l-atti kollha tar-rikors;

Rat id-degriet tagħha tal-14 ta’ Mejju, 2009, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal tħassir ta’ Mandat esekuttiv għar-raġuni li l-parti eżekutata tgħid li, sa meta nħareġ l-istess Mandat, il-kreditu li għalih inħareġ dak il-Mandat kien diġa’ tħallas;

Illi l-intimat eżekutant, minkejja li kien notifikat, ma ressaq l-ebda kontestazzjoni għat-talba tar-rikorrent;

Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>fatti ewlenin marbutin mal-każ</u> jirriżulta li fil-11 ta’ Awwissu, 2008, l-intimat talab u kiseb il-ħruġ ta’ Mandat ta’ Sekwestru Eżekutiv għas-somma ta’ sitt mija u wieħed u sittin euro u tnejn u ħamsin ċenteżmi (€ 661.52) rappreżentanti “*drittijiet u spejjeż tal-kawża 1909/00, ittra uffiċjali 3671/05 u mandat ta’ żgumbrament 699/05 – 1066/05 skond kopji ta’ taxxi annessi*”. Minn prospett mehmuż mal-istess rikors, l-intimat wera li l-kreditu mitlub kien bilanċ minn ammont akbar. Il-Mandat inħareġ dak inhar li ntalab u b’sekwestratarji kellu tlieta minn fost il-banek kummerċjali ewlenin f’Malta. Wieħed mill-banek sekwestratarji iddepożita b’ċedola somma flus. Fl-1 ta’ Settembru, 2008, ir-rikorrent qabbad avukat biex jikteb lill-intimat biex ifissirlu kif kien wasal għall-ammont mitlub fil-Mandat ladarba huwa kien ħallas lill-istess intimat (u wkoll lil missieru) ammonti li jaqbżu bil-bosta

dak imsemmi fil-mandat u dejjem marbuta mal-istess atti ġudizzjarji li ssemmew fil-Mandat;

Illi billi r-rikorrent ma ħa l-ebda tweġiba mingħand l-intimat, f'Ottubru, 2008, fetaħ din il-proċedura. F'Diċembru, 2008, l-intimat eżekutant ressaq rikors biex jitlob ħalli jiżbanka s-somma li l-bank sekwestratarju kien qiegħed taħt l-awtorita' tal-Qorti[1];

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' dritt marbutin mal-każ irid jingħad qabel xejn li l-Mandat ta' Sekwestru Eżekutiv inħareġ f'Awissu tal-2008, u għalhekk għalih jgħoddu d-dispożizzjonijiet tal-liġi li kienu jgħoddu fiż-żmien meta nħareġ. Dan jingħad għaliex bis-saħħa ta' xi bidliet li saru fil-liġi tal-proċedura f'dawn l-aħħar żminijiet, wieħed irid jistabilixxi sewwa liema huma r-regoli li jkunu jgħoddu għall-każ partikolari[2]. Dwar il-Mandat li għalih jirreferi r-Rikors ta' l-eżekutat Borġ, jgħoddu d-dispożizzjonijiet tal-liġi kif daħlu fis-seħħ fl-24 ta' Ottubru tal-2006[3];

Illi, fil-fehma tal-Qorti, dan il-fatt ta' dritt transitorju huwa kruċjali għas-soluzzjoni tal-każ tal-lum. Dan qiegħed jingħad għaliex is-subartikolu (3) tal-Artikolu 238A (li kien jgħodd meta nħareġ il-Mandat mertu tal-każ) kien jippreskrivi li jekk l-intimat, sa dak inhar tas-smigħ, jonqos li jopponi għat-talba magħmula mill-parti eżekutata, din il-Qorti "għandha tilqa' t-talba". Is-subartikolu (3) tal-Artikolu 281 (li daħal minflok l-artikolu 283A b'seħħ mill-1 ta' Jannar, 2009, minkejja li kien jagħmel mill-massa ta' bidliet fil-Kodiċi Proċedurali li saru bl-Att XIV tal-2006) m'għadx għandu dik ir-regola;

Illi għalhekk, fejn m'hemmx oppożizzjoni (naturalment, dment li l-parti eżekutanti tkun laqgħet in-notifika b'xi wieħed mill-modi maħsuba mil-liġi), il-Qorti m'għandhiex għażla għajr li tilqa' t-talba għat-tħassir tal-Mandat, ukoll jekk ir-raġuni li fuqha tkun mibnija t-talba ma tkunx taqa' strettament fil-parametri tal-azzjoni speċjali maħsuba taħt

[1] Dok f'paġ. 15 tal-proċess
[2] Ara l-art 107 tal-Att XIV tal-2006
[3] Ara A.L. 254 tal-2006

dan l-artikolu. Kif inhu magħruf, azzjoni bħal din hija maħsuba li tqis irregolaritajiet formali ta' l-atti eżekuttiv nfushom u mhux ukoll tal-mertu li bis-saħħa tiegħu jkun inħareġ l-istess att eżekuttiv[4];

Illi, min-naħa l-oħra, daqs kemm huwa minnu li l-istħarriġ li din il-Qorti trid tagħmel dwar it-talba mressqa quddiemha għandu jkun wieħed fil-parametri stretti tal-azzjoni kif proposta, daqstant ieħor trid tagħraf li l-proċedura hija waħda speċjali. Għalhekk, jekk hija r-rieda tal-liġi li l-Qorti għandha tilqa' t-talba għat-tħassir tal-Mandat jekk kemm-il darba l-eżekutant ma jressaqx oppożizzjoni għal talba bħal dik, il-Qorti tkun qiegħda tonqos jekk kemm-il darba ma tħarisx kif jixraq dik il-proċedura speċjali. Dan isir dejjem b'ħarsien tal-prinċipju li, fl-istħarriġ li jmissha tagħmel fi proċedura bħal din, din il-Qorti ma tinbidilx f'Qorti ta' reviżjoni ulterjuri tal-ilmenti fil-mertu dwar it-titolu li jkun;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' t-talba tar-rikorrent** eżekutat Julian Borġ u tħassar il-Mandat ta' Sekwestru numru 1256 maħruġ kontrih mill-intimat eżekutant l-Avukat David Borġ fil-11 ta' Awwissu, 2008, bl-ispejjeż kontra l-istess intimat eżekutant.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[4] App. Inf. **9.1.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru fl-ismijiet: Awtorita' Marittima ta' Malta vs PolidanoBrothers Limited***